MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**DENNIS MONTEBELLO**

Seduta tad-9 ta' Gunju, 2006

Rikors Numru. 100/2006

**Rikors numru 100/06 DM**

**FRD + Co (P 540)**

**Vs**

**Kontrollur tad-Dwana**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-kumpanija FRD + Co (P 540) permezz ta' liema ir-rikorrenti giet notifikata b' ittra ufficjali u d-dikjarazzjoni guramentata maghmula mill-intimat a tenut tal-art 466 tal-Kodici t' Organizazzjoni u Procedura Civili u datata 27 ta' Settembru, 2005.

Illi fid-dikjarazzjoni hawn fuq premessa l-intimat ikkonferma bil-gurament li l-Gvern ta' Malta kif rapprezentat minnu, huwa kreditur tas-socjeta' esponenti fis-somma ta' elf, seba' mija u lira Maltin (LM 1701) dovuti

bhala ‘levy’ fuq impurtazzjoni ta’ ‘electrolyte replacement drinks’ permezz ta’ ‘duty entry numru 6399’ datata 18 t’ April, 1995

Illi din is-somma fil-fatt m’ hijiex dovuta mill-esponenti lill-Gvern ta’ Malta u dan minhabba r-ragunijiet segwenti :

1. Illi fl-ewwel lok, it-talba dedotta mill-intimat permezz tal-ittra ufficjali d-dikjarazzjoni msemmijin hawn fuq hija preskritta ai termini tal-art 2149 (e) tal-Kodici Civili (Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta)
2. Illi, fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-ittra ufficajli u d-dikjarazzjoni msemmijin ma jaghmlu ebda stat fil-konfront tas-socjeta’ esponenti u dan minhabba l-fatt li l-istess ittra u dikajrazzjoni huma ndirizzati lil FRD Ltd, liema socjeta’ illum tinsab xjolta u kancellata mir-Registru tas-Socjetajiet.
3. Illi, fil-mertu u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-esponenti kienet fil-fatt impurtata f’ Malta fl-14 t’ April, 1995 kunsinna ta’ ‘electrolyte replacement drinks’.
4. Illi meta mpurtaw dawn il-prodotti l-esponenti kienet ikkwotat fid-dokumenti relattivi l-H.S. Code kif fornit lilha mis-socjeta’ estera minghand min inxtraw dawn il-prodotti.
5. Illi l-esponenti kienet hallset id-dwana, fil-21 t’ April, 1995 fl-ammont ta’ sitt mija u sbatax-il lira Maltin (LM 617) permezz ta’ ‘Cheque’ mahrug mill-Bank of Valetta p.l.c. bin-numru 000279 u, sussegwentement, fl-24 t’ April, 1995 wara li ufficjali tad-dwana kienu gew Santa Venera fil-mahzen tas-socjeta’ esponenti sabiex jikkonfermaw l-HS Codes indikati mall-prodotti attwali u b’ hekk jirrilaxxaw definittivament il-merkanzija relattiva, fl-ammont ta’ mija u erbgha liri Maltin (LM 104) permezz ta’ ‘Cheque’ numru 000291
6. Illi wara li thallsu l-ammont surreferiti il-merkanzija giet rilaxxata kif indikat fir-‘release note’ .
7. Illi effettivament l-ittra ufficjali u d-dikjarazzjoni giet notifikata lis-socjeta’ esponenti mhux biss wara li l-intimat inghata l-opportunita’ jaghmel il-verifiki kollha tieghu wkoll fuq il-merkanzija nnifisha imma wkoll wara li l-merkanzija kienet giet definittivament rilaxxata favur l-istess esponenti u wara li l-esponenti kien lahaq biegh l-

istess merkanzija. Ghandu, fil fatt, jirrizulta li l-intimat odjern qieghed jagixxi issa biss a bazi ta' informazzjoni li kienet fil-pussess tieghu sa mill-1995. B' dan il-mod, apparti li tapplika l-preskrizzjoni kif inghad hawn fuq, ukoll jekk *dato ma non concesso*, xi dazju ulterjuri huwa dovut mill-esponenti, l-esponenti tkun tilfet l-opportunita' li zzid dan id-dazju mal-prezz finali tal-bejgh. Jigi, allura, li l-esponenti jkollha ssofri hi, a spejjez taghha, permezz ta' bejgh bit-telf, l-inkompetenza tal-intimat milli jaghmel il-verifiki tieghu tajjeb u jagixxi tempestivament.

8. Illi ghal dawn ir-ragunijiet jidher li t-talba tal-Kontrollur tad-Dwana hi manifestament infondata.

Ghaldaqstant l-esponenti titlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti tiddikjara t-talba maghmula mill-Kontrollur tad-Dwana bl-ittra ufficjali u bid-dikjarazzjoni guramenttata tas-27 ta' Settembru, 2005 bhala nfondata u bla ebda bazi fil-fatt u fid-dritt u dan fid-dawl tac-cirkostanzi fuq premessi u billi l-ebda ammont ma huwa mir-rikorrent dovut lill-intimat.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat in-nota tal-kontrollur tad-dwana li permezz taghha huwa rtira mill-atti tal-kawza l-ittra ufficjali mahruga minnu tas-27 ta' Settembru, 2005, fl-ismijiet inversi u dan sabiex jirregola ruhu ahjar.

Billi stante li giet irtirata l-ittra ufficjali illi hija l-bazi tar-rikors maghmul mir-rikorrenti, l-istess rikorrenti iddikjaraw li m' ghandhomx iktar interess fil-prosegwiment ta' dawn il-proceduri izda talbu li jinghata provvediment fuq l-ispejjez ;

Il-Qorti filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tar-rikors qeghdha tordna li l-ispejjez ta' tali rikors jithallsu mill-intimat kontrollur tad-dwana.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------